MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1015/2005

**Vincent u Carmen konjugi Degabriele**
**(I.D. 201536M u 872745M)**

**-vs-**

**Leonard u Rose konjugi Montebello u b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2006 Adrian Montebello u Jonathan Montebello gew ammessi fil-kawza flok ommhom Rose Montebello li mietet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti :**

**Rat** ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Ottubru 2005 li taqra testwalment hekk -

*Premess illi fit-8 ta' Dicembru 2001 il-partijiet kontendenti kienu involuti fi glieda bejniethom barra r-residenza tal-atturi u cioe' fi Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun, f'liema incident il-konvenut hebb ghall-attrici bil-konsegwenza illi l-attrici garrbet griehi fuq il-persuna taghha ; u*

*Premess illi b'segwitu tal-imsemmi incident, l-attrici sofriet danni fuq il-persuna taghha li per konsegwenza taghhom sofriet debilita' permanenti li giet stabbilita minn Dr. Philip Spiteri MD DOMS FAMS, Specjalista tal-Ghajnejn, oltre sfregju permanenti, kif gie certifikat minn Dr. Dino Vella Briffa MD Ph.D ; u*

*Premess illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut, stante li kien hu li ta d-daqqiet li kkagunaw il-feriti li qed tilmenta minnhom l-attrici ;u*

*Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-8 ta' Dicembru 2001, f'liema incident l-attrici sofriet danni fuq il-persuna taghha.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Ottubru 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni. "*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda taghhom u l-lista tad-dokumenti presentata minnhom.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti presentata fit-2 ta' Dicembru 2005 (*fol*. 23) li taqra testwalment hekk -

*1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom ghaliex ma jezistux la fil-fatt u wisq anqas fid-dritt u dan ghaliex l-esponenti ma taw ebda daqqiet li permezz taghhom huma kkagunaw xi feriti li qeghda tilmenta minnhom l-attrici* ;

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-konvenuti ma kkagunaw ebda debilita' permanenti fuq l-attrici u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.*

*3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda taghhom.

**Gharblet** u qieset bir-reqqa l-provi li ressqu l-partijiet. Fost dawn il-provi, kien hemm kopja legali tal-process, u tas-sentenza fil-kawza "*Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Leonard Montebello*" deciza fis-16 ta' Novembru 2005 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera) [fol.114 sa fol.283].

**Rat** il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Gunju 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 97) fejn l-atturi kienu ezentati mill-konvenuti milli jipproducu t-tobba ghall-konferma bil-gurament tac-certifikati rilaxxjati minnhom.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Dicembru 2006 (fol 101) fejn Adrian u Jonathan ahwa Montebello kienu ammessi fil-process tal-kawza bhala konvenuti flimkien mal-konvenut l-iehor missierhom Leonard Montebello wara l-mewt ta' ommhom Rose Montebello fit-12 ta' Gunju 2006.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2009 ;

**Rat** id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Din il-kawza tittratta dwar il-konsegwenzi ta' glieda bejn girien li grat fit-8 ta' Dicembru 2001 ghal habta tas-7.20 p.m. fi Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun. Il-partijiet ghandhom id-djar rispettivi taghhom tliet bibien boghod minn xulxin.

Fic-citazzjoni, l-atturi jallegaw li l-konvenut Leonard Montebello hebb ghall-attrici Carmen Degabriele u kkagunalha l-feriti li qed tilmenta minnhom.

Din l-allegazzjoni hija michuda kategorikament mill-konvenuti. Skond il-konvenuti, kien l-attur Vincent Degabriele li kkaguna l-ferita lil martu stess meta qabad qasrija u waqt li kien qieghed jitfaghha fid-direzzjoni tal-konvenut Leonard Montebello laqat lill-mara tieghu. Skond il-konvenuti hekk irrizulta anke fil-kawza kriminali istitwita kontra l-konvenut Leonard Montebello dwar l-istess incident, minn liema akkuza ta' feriment tal-attrici Carmen Degabriele il-konvenut kien liberat.

Din il-Qorti se tislet mill-okkorrenza tal-incident <u>redatta u konfermata bil-gurament</u> minn <u>P.S. 1386 Joseph Agius</u> dik il-parti fejn hemm riportati l-versjonijiet tal-protagonisti fil-glieda. L-okkorrenza ddahhlet fid-9 ta' Dicembru 2001 fil-5.07 a.m. (fol 355) –

*When spoken to by the police, Vincent Degabriele listed in the witness column stated that a certain Leonard Degabriele* (zball evidenti ghax il-kunjom irid ikun "Montebello") *also listed as witness and who leaves* (zball evidenti ghax il-kelma trid tkun "lives") *further down the road is of the hadit (*zball evidenti ghax il-kelma trid tkun "habit"*) of parking his van No FAG 479 make transit infront of Degabriele residence and when Montebello starts the van the smoke enters into Degabriele residence. Also the van leaks oil. For these reasons Degabriele told him mant* (zball evidenti ghax il-kelma trid tkun "many") *times that he does not want this van in front of his residence. On the 8/12/01 at about 7.00 p.m. the son of Leonard Montebello had parked the van in front of Degabriele residence. When he saw Montebello he told*

*him to take off the van but he refused. An argument arose and during the argument Degabriele throw* (zball ghax il-kelma trid tkun "threw") *two pots towards Montebello. When Carmen and Sonia Montebello (*zball evidenti tal-kunjom li jrid ikun "Degabriele") *saw this they went to calm the situation by holding Vincent from moving further and hit Leonard. On seeing this Montebello hit Carmen on her face with a basket which contained hard objects thus inflicting injuries on her face. Then the police arrived.*

*Carmen Degabriele was also spoken to and stated that when she saw the men arguing, she went and hold her husband and then Montebello hit her on the face with a convass* (zball ghax il-kelma trid taqra "canvas") *basket which basket contained hard objects.*

*Sonia Degabriele was also spoken to and stated that she went out and hold her father from the hand and at that moment Montebello insulted them and also hit her on the face but did not cause her injuries.*

*Leonard Montebello was also spoken to by the police and stated that yesterday at about 7.00 p.m. he returned back from work and when he came out of the vehicle, Vincent Degabriele told him to take off the van from in front of his residence. Montebello added that usually he does not park there since he knows that Degabriele does not want it there but today his son parked it there. Montebello continued that Degabriele spoke in an arrogant way that his (*trid tigi "he") *refused to take it off from there. An argument arose and Degabriele throw (*trid tigi "threw") *a pot plant towards Montebello. Montebello then went towards Degabriele since the other was in the front garden. At that point Carmen and Sonia Degabriele went out to hold Vincent from getting further towards Montebello, at this time Montebello* (trid tigi "Degabriele") *took another pot plant this time made of plastic and as he was going to throw it to Montebello he hit Carmen on the face with it caused her injuries on her face and then throw it back at Montebello. Montebello then waved this basket towards the three of them but hit no one. He then went home and when he shout* (trid tigi "shut") *the door Carmen Degabriele went near his main door and throw a pot towards the door and caused damages. He denied that he*

*had any hard objects in the basket and also that he caused injuries on any one of them.*

In atti precizament a fol 124 tal-process hemm annessa l-istqarrija li Leonard Montebello irrilaxxja lill-Ispettur Joseph Agius fid-9 ta’ Dicembru 2001 f’11.45 a.m.

Xi stqarrijiet mehuda <u>“a tempo vergine”</u> (l-aktar dawk tan-naha tal-atturi) kif ser naraw jikkontrastaw nettament dwar aspetti krucjali tal-kwistjoni ma’ dak li rrizulta fix-xhieda tal-persuni nvoluti kemm fil-kawza kriminali kif ukoll dik tal-lum.

U certament ghall-fini ta’ kredibilita’ din il-Qorti trid bilfors tohrog dan il-kuntrast sabiex tipprova ssib tarf ta’ min joqrob l-aktar lejn is-sewwa.

**Ikkunsidrat –**

Vincent Degabriele u Leonard Montebello jilqghu t-tnejn mill-ewwel billi jghidu li huma ndirizzaw lil xulxin bil-prudenza u minghajr ghajjat. Din il-Qorti dan ma temmnux ghaliex jekk tassew kien hekk l-iskambju ma kellux ghalfejn jiddigenera <u>kwazi minnufih</u> fi skambju ta’ kliem oxxen, dagha u ngurji segwiti minn tfiegh ta’ qsari (da parti ta’ Vincent Degabriele) u bil-korriment tal-attrici Carmen Montebello.

Dan il-kwadru ta’ kif svolgiet il-grajja huwa determinanti sabiex isir apprezzament shih taghha.

Din il-Qorti hija konvinta li l-paroli skambjati ma kienux bil-kwiet jew bil-kelma t-tajba ghaliex anke naqra ta’ nicca tiehu certu tul u hin sabiex tasal ghall-porvli imbaghad ghal spluzjoni, ahseb u ara kif qatt jista’ jkun li wiehed jitkellem bil-kalma u f’hakka t’ghajn jinfexx fit-tghajjir.

Il-verita’ hi li dak li ppreceda l-iskambju u cioe’ l-mument meta iben il-konvenut ipparkja l-vann quddiem ir-residenza tal-atturi, in-nicca kienet diga’ xeghlet. Ghalhekk ix-xhieda ta’ l-attur dwar l-atteggjament tieghu tal-bidu mhix kredibbli (ara x-xhieda tal-attur fil-kawza

kriminali – fol 56). L-attur kien diga' mimli ghall-gar tieghu hekk kif wara li iben il-konvenut ipparkja l-vann quddiem id-dar tal-atturi, injora s-sejha tal-attur biex ma jipparkjax hemm u dabbar rasu.

L-ironija hi li ma kienx Leonard Montebello l-htija tal-parkegg izda spicca fl-istorja hu. Eppure – u dwar dan din il-Qorti m'ghandhiex dubbju – Vincent Degabriele qaghad jistenna lil Leonard Montebello jasal mix-xoghol u kif rah beda jilmenta mill-ewwel. X'livell jew grad kienu dawn l-ilmenti wiehed jista' jimmagina, certament pero' mhux bil-kelma t-tajba.

Rinfaccjat b'dik il-"merhba", Montebello ma qaghadx lura u r-reazzjoni tieghu kienet daqstant iehor "kaloruza" u ddigenerat f'dagha, offizi u ksur tal-buon ordni.

Bhala fatt jirrizulta li l-konvenut irrifjuta li jnehhi l-vann mill-post fejn ipparkjah ibnu. Kienx arroganti li l-konvenut ghamel hekk jew ghamilx hekk il-konvenut kawza tal-mod kif gab ruhu l-attur, jibqa' l-fatt li hekk sar.

Naturalment u kif wiehed seta' jistenna, minflok l-istorja kkalmat u waqfet hemm, ziedet l-animosita' ghaliex minn paroli fil-vojt u tghajjir kompliet tiddigenera ghal tfiegh ta' qsari.

Issa din il-Qorti trid tghid li dment li s-sitwazzjoni baqghet fuq il-livell ta' kliem biss (ghalkemm xorta wahda deprekabbli) baqghet cirkoskritta izda hekk kif il-qiegha sahnet bla kontroll din aggravat ruhha ghax beda t-tfiegh ta' oggetti iebsa.

F'dan l-istadju, issir riferenza ghax-xhieda ta' P.S. 1386 Anthony Agius (minn fol 341 et seq) fejn sostna li kien l-attur li mill-parapett tad-dar tieghu tefa' l-qsari fid-direzzjoni tal-konvenut u li spiccaw fit-triq bil- hamrija mferrxa propju hemm (mhux fuq il-bankina). Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut qablu li l-attur waddab il-qsari. Meta xehed, l-attur (u del resto familjari tieghu) cahad dak li stqarr mas-surgent "*a tempo vergine*" (ara l-kontroesami tieghu minn fol 301). Naturalment din il-Qorti ma tistax

twarrab fil-genb jew ma taghtix piz lil din l-inkonsistenza tal-attur bhallikieku qatt ma kien xejn. Din il-Qorti ssibha difficli biex temmen lill-attur meta jistqarr li ma tefax qsari lejn Montebello propju ghaliex lis-Surgent Agius qallu l-maqlub. Ma temmnux ukoll ghaliex mir-ritratti esebiti (ara fol 291) jirrizulta li l-hamrija mferrxa tal-qsari tinsab f'nofs it-triq mhux taht il-parapett tad-dar tal-atturi. Huwa evidenti li l-hamrija spiccat fejn mhux kontestat minn provi ohra li spiccat propju ghaliex intefghet f'dik id-direzzjoni minn hadd hlief l-attur. Anke ghaliex hadd ma allega li l-konvenut waddab qsari u l-konvenut beda l-iskambju tieghu mal-attur propju minn dik in-naha tat-triq mhux vice-versa. Huwa biss u hadd hlief l-attrici li tghid li *wara li kien laqatni l-konvenut ukoll kien tefgha qasrija fuqi, kien tajjarha r-ragel.* Dan izda la huwa konfermat minn zewgha l-attur u lanqas jirrizulta fl-okkorrenza. Ghal din il-Qorti dan mhux semplici dettall izda fatt li kellu jingieb a konjizzjoni tas-surgent fil-pront jekk tassew sehh u mhux l-attrici tghidu ghall-ewwel darba meta xehdet.

**Ikkunsidrat –**

Fejn il-verzjonijiet tal-partijiet jinqatghu daqstant iehor boghod minn xulxin u jmorru f'direzzjonijiet opposti huwa fejn jidhol il-korriment tal-attrici Carmen Degabriele.

Min-naha wahda l-attrici tallega a fol 51 b'riferenza ghall-konvenut *imbaghad f'daqqa u l-hin, hareg kellu basket f'idejh li kien tqil dan il-basket ghax ic-cingi kienu stirati xejjer daqqa ta' basket u laqatni go wicci u ghamilli tmien punti.* Min-naha l-ohra, b'verzjoni ghal kollox differenti, il-konvenut jallega li l-feriment tal-attrici sehh meta l-attur gie biex igaralu t-tieni qasrija u laqat lil martu flok lill-konvenut.

Skond l-attrici, il-qasrija li laqat zewgha meta fetah idejh kienet fuq ic-cint tal-parapett go container tal-plastic. Il-qasrija tgerbet mal-art u skond l-attrici, il-konvenut *rega' tefahhielu hu ghal gol parapett* (fol 61). Issa hadd ma allega li fil-parapett tal-atturi kien hemm hamrija jew qsari miksura, allura din il-Qorti ma tifhimx is-sens ta' dak li jinghad.

Skond l-attur, meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, *dak il-hin l-imputat beda jaghti bil-basket u laqat lil marti f’wiccha ... Jiena kelli qasrija fuq ic-cint, dort fuqu u ghidtlu il-madonna x’ghamiltha u fis-sahna tajjart il-qasrija.* Anke f’dan il-kuntest huwa evidenti li, anke wiehed jaccetta l-verzjoni tal-atturi, it-tieni qasrija fil-fatt mhux sfat milquta mill-attur izda dan tajjarha bis-sahna jew fi kliem iehor fir-rabja kif intebah li martu kienet indarbet. Dawn id-differenzi maghduda flimkien f’mosajk wiehed jinkwadraw ahjar u b’aktar preciz l-verzjoni tal-atturi fil-kuntest tal-apprezzament li trid taghmel din il-Qorti tal-attendibilita’ taghha.

Skond l-attur (minn fol 58), meta martu sfat milquta, hija kienet mac-cint u cioe’ ma’ genb il-parapett waqt li Montebello kien fuq il-bankina taghhom mac-cint. Skond l-attur wara li laqat il-qasrija, dik waqghet fl-art (mhux fuq il-bankina) u peress li t-triq hija ghan-nizla il-qasrija tgerbet ‘l isfel u spiccat f’nofs it-triq. Ir-ritratt a fol 314 juri bicciet ta’ qasrija tal-gebel, gibs jew xort’ohra mhux tal-plastic. Skond P.S. 1386 Anthony Agius a fol 289 huwa ra mixhutin fit-triq containers ta’ qsari mhux biss hamrija.

Wiehed irid jiftakar li pparkjat quddiem id-dar tal-attur kien hemm il-vann tal-konvenut. Mkien ma rrizulta li waqt il-glieda dak il-vann iccaqlaq mnejn kien ipparkjat. Allura din il-Qorti ma tifhimx kif il-qasrija setghet issuperat il-vann ipparkjat b’semplici waqa’ u tispicca f’nofs it-triq jekk mhux propju ghax intefghet lejn fejn spiccat. Li allura jindika wkoll li mhux probabbli li fil-mument tal-feriment tal-attrici il-konvenut seta’ kien fejn l-atturi xehdu li kien.

Ghandu jigi rilevat li l-attur ma rax lill-konvenut jolqot lil martu bil-basket izda raha bid-demm ma’ wiccha (fol 60)

Skond l-attrici (fol 66), *ma jistax ikun li laqatni zewgi bil-qasrija ghax kien boghod minni.* Imma jekk tassew kien hekk, tistaqsi din il-Qorti, kif qabdet id zewgha biex tbeghdu mill-konvenut ?

Skond Sonia Degabriele (fol 70), il-konvenut qabad ixejjer il-basket kif hargu hi u l-attrici mid-dar wara li semghu l-glied u allegat li l-ferita ommha sofrietha bit-tixjir ta' dak il-basket. Tghid hekk - *imbuttajtu u xejjer il-basket fid-direzzjoni tieghi, jiena ersaqt lura u l-basket ovvjament ghadda minn quddiemi wicci u hdejja kien hemm il-mummy u habat ma ' wicc il-mummy*.

Fil-kuntest ta' dan kollu, tirrizulta wkoll xhieda ohra tal-attur din id-darba dik riportata a fol 303 meta xehed in kontroesami fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta meta fost hwejjeg ohra xehed hekk – *Ma tfajt l-ebda gastra fid-direzzjoni ta' Montebello. Veru li kien hemm xi hamrija fejn il-karozza ta' Montebello. <u>Veru li lqatt lil marti b'xi qasrija minn fuq il-parapett</u>.*

Fil-verzjoni tieghu, il-konvenut ma varja xejn fis-sustanza mill-verzjoni tieghu. Fix-xhieda tieghu (minn fol 320) ighid li kif hu rrifjuta li jnehhi l-vann ipparkjat, l-attur tefa' l-ewwel qasrija lejn id-direzzjoni tieghu fejn kien qieghed hu hdejn il-karozza tieghu. Kienet il-qasrija tal-gibs, gebel jew konkos. Hawn din il-Qorti ttenni li l-hamrija u l-fdal tal-qasrija kienu f'nofs it-triq mhux hdejn il-parapett tal-atturi. L-atturi u l-familjari tieghu baqghu fil-parapett ta' darhom. Naturalment kien hemm l-ghajjat u l-glied bil-konvenut jibqa' jinsisti li ma riedx inehhi l-vettura. Il-konvenut ighid li Sonia Degabriele xejritlu bil-ponn. Hekk ukoll sostna fl-istqarrija tieghu lill-Ispettur Joseph Agius. Meta l-attur qabad u dar biex iwaddablu t-tieni qasrija, din id-darba tal-plastic, laqat lill-attrici (fol 322-333). Il-konvenut jkompli jghid li *Carmen tefghetli l-kumplament tal-qasrija li kien baqa' shiha tal-konkos ghal mal-bieb.* Hekk ukoll allega mas-Surgent u l-Ispettur. L-unika osservazzjoni hi li ma jirrizultax minn provi ohra li nstabu tracci ta' dan fil-parapett tad-dar tal-konvenut.

Il-konvenut jaccetta li wara li Sonia Degabriele xejritlu bil-ponn huwa xejjer il-basket li kellu. Skond Sonia Degabriele (fol 70), il-konvenut qabad ixejjer il-basket kif hargu hi u l-attrici mid-dar wara li semghu l-glied. Mela anke hawn hemm "time-factor" diskordanti fil-verzjonijiet.

Sonia Degabriele allegat li l-ferita ta' ommha giet bit-tixjir ta' dak il-basket. Dettalji pero' assolutament xejn. Tghid hekk - *imbuttajtu u xejjer il-basket fid-direzzjoni tieghi, jiena ersaqt lura u l-basket ovvjament ghadda minn quddiemi wicci u hdejja kien hemm il-mummy u habat ma ' wicc il-mummy*.

Kif hu evidenti mill-istqarrija tal-konvenut u konfermata fix-xhieda tieghu, huwa xejjer il-basket tieghu darba u kien segwit minn intervall ta' hin sakemm korriet l-attrici preceduta mir-reazzjoni tal-attur li jaqbad it-tieni qasrija ghall-konvenut.

**Ikkunsidrat -**

**Din il-Qorti trid taghti d-decizjoni taghha abbazi ta' l-premess <u>izda u fuq kollox</u> abbazi ta' provi <u>oggettivi</u> rilevanti ghall-fini tal-accertament tal-fatti.**

Ghax fejn si tratta tal-protagonisti tal-glieda, din il-Qorti trid necessarjament timxi b'kawtela kbira ghall-fini ta' kredibilita' ghax il-verzjonijiet taghhom huma dozati ferm f'akkaniment u animozita' lejn il-gar avversarju li jcajpru s-sewwa u sahansitra jaghtu lok ghal inkonsistenzi, anke kontradizzjonijiet u jaslu kultant sal-inverosimili kif diga' rajna.

<u>Il-provi oggettivi li ghalihom qed tirreferi huma l-provi ta' natura medika</u>.

Fic-certifikat tieghu datat 9 ta' Dicembru 2001 (fol 64), Tabib David Cefai ighid li l-attrici kellha *lacero-contused wound on the left side of face .. pain left shoulder pain on movement and palpitation large haematoma present on shoulder pain on breathing also complaining of pain in bilateral lower limb but no bruises present.*

It-Tabib Pierre Ellul tad-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar (fol 81) xehed li l-attrici kellha ferita lacertata f'wiccha fuq in-naha tax-xellug -wahda twila hames

centimetri u ohra twila centimetru. Kellha wkoll barxa fuq l-ispalla tax-xellug u sinjali ta' feriti ohra.

It-Tabib Oftalmologu Philip Spiteri (fol 83) xehed li l-attrici kellha ticrita zghira fil-*psycomatic arch*, ticrita fiz-zewg ghejnejn tant li kellu jsir trattament bil-laser biex jigi sigillat it-ticrit.

It-Tabib Konsulent Dino Vella Briffa xehed f'aktar minn okkazjoni wahda quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Huwa sab li l-attrici kellha sfrejgu permanenti konsistenti minn cikatrici ta' zewg centimetri fuq haddejha tax-xellug b'angolu ta' hamsa u ebrghin (45) grad fl-ghamla ta' *arch*. Isostni li dak il-feriment kien kompatibbli ma' oggett iebes u tqil b'xifer mhux necessarjament dritt mill-widna l-isfel, oggett li seta' twaddab u kellu dak l-impatt.

Meta xehed (fol 345) P.S. 1386 Anthony Agius qal li hu eleva l-basket tac-carruta tal-konvenut. Fih sab platt u forsi xi ghodda. L-unika haga iebsa kien il-platt.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut ikkonferma li fil-basket kellu tornavit.

**Ikkunsidrat -**

Fil-kaz tal-lum, kien esebit bil-kunsens taz-zewg partijiet il-process shih (inkluz is-sentenza) tal-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Leonard Montebello"* deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Novembru 2005.

Kien evidentement esebit sabiex din il-Qorti tqis il-kontenut tieghu <u>bhala prova</u> ghall-finijiet ta' l-kawza tal-lum.

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **<u>"Carbonara vs Ryan"</u>** deciza fit-28 ta' Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-

ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**). Fil-kaz tal-lum, il-partijiet marru oltre u cioe' mhux biss kienet ezebita s-sentenza izda sahansitra l-process shih. Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara wkoll **"Xuereb vs Micallef" – Appell – 26 ta' Novembru 1923 ; "Abela vs Bonnici" - PA - 23 ta' Jannar 1958 ; "Briffa vs Abela" - PA - 28 ta' Marzu 2003 ; u "Caruana vs Ministru tal-Ambjent et" – PA – 7 ta' Lulju 2004**)

Fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2005, jinghad *inter alia* hekk -

*Carmela Degabriele hija l-unika xhud li tghid li kien l-imputat li laqatha bil-basket. Issa l-basket in kwistjoni huwa wiehed tac-carruta. Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li fil-basket dakinhar tal-incident kien hemm skartocc, tornavit u xi affarijiet personali. PS 1386 Anthony Agius jghid li hu fetah dan il-basket li sab fir-residenza tal-imputat u sab l-oggetti fuq deskritti dakinhar stess. Fl-ebda hin ma sab xi oggett iebes go fih. Mistoqsi jekk hu rax xi demm fuq il-basket l-istess ufficjal jghid li demm fuq il-basket ma kienx hemm. Dan wkoll gie verifikat aktar tard mill-Qorti meta gie esebit l-basket fil-proceduri odjerni.*

*Issa mill-provi prodotti jirrizulta li mill-ferita li kellha Carmela Degabriele hareg hafna demm u ghalhekk il-Qorti taraha difficli kif l-basket ma kellux qtar ta' demm fuqu aktar u aktar meta kien basket tac-carruta.*

*Inoltre meta xehed Doctor Dino Vella Briffa dan ighid li l-ferita kien kagonata b'xi haga iebsa tqila u b'xifer bhal per ezempju bicca konkret. Qal ukoll li d-daqqa li qalghet Carmela Degabriele kienet wahda b'sahhitha b'oggett ta' certu piz. Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-basket kien ta' certu piz u li go fih ma kienx hemm xifer.*

*L-imputat minn l-ohra ighid li r-ragel tal-vittma tefa xi qsari tac-caqquf bil-hamriha. Vincenzo Degrabriele ma jichadx dan salv li jghid li laqatha u mhux tefghahom. Jghid li hu kien qed ihares il-hin kollu lejn l-imputat u ghalhekk ma jistax jghid jekk laqatx lil martu huwa stess. L-imputat jghid li kien Vincenzo Degabriele stess li kkaguna l-ferita lil martu meta tefa' l-qsari u dan laqatha ghaliex rah u kien dak il-hin li Carmela Degabriele kellha d-dmija f'wiccha.*

***Fid-dawl ta' dak li rrizulta lil Qorti huwa probabbli li l-ferita verament giet kagunata bil-qasrija u ghalhekk din il-Qorti ma hiex konvinta li kienet id-daqqa tal-imputat li kkagunat l-ferita f'wicc Carmela Degabriele.*** (sottolinear u enfasi ta' din il-Qorti)

Issa fir-rigward ta' din is-sentenza din il-Qorti taghmel dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatti li gew a konjizzjoni taghha abbazi tal-provi migbura -

a) Ghalkemm fil-kawza tal-pulizija Sonia Degabriele ma tatx ix-xhieda taghha, hija fil-fatt xehdet fil-kawza civili u hemm ikkonfermat li kien it-tixjir bil-basket min-naha tal-konvenut li kkaguna l-feriment ta' ommha.

b) Fost l-oggetti personali li kien hemm fil-basket tal-konvenut kien hemm ukoll platt. Ma rrizultax ta' liema materjal kien il-platt.

c) Ma giex kontestat fil-procediment civili li l-basket kien tac-carruta u ma kellux demm imcappas mieghu.

d) L-ewwel qasrija li ntefghet kien dik tal-gibs jew concrete. Sa dak il-hin l-attrici ma kienet garrbet l-ebda korriment. It-tieni qasrija kienet tal-plastic u l-allegazzjoni tal-konvenut hija li l-attrici korriet b'dik it-tieni qasrija anke ghaliex kien hemm xi cactus go fiha.

e) L-attur jeskludi li laqat lil martu bil-qasrija ghaliex meta laqat il-qasrija hu martu kien diga' kellha l-feriment.

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tirrileva li kieku Vincent Degabriele u Leonard Montebello gabu ruhhom tajjeb ma' xulxin u ta' nies kienet tigi skansata glieda bla sens ghal futili motivi li kellha konsegwenzi serji ghall-attrici.

Dan premess, din il-Qorti tghid li, ghall-fini tal-kawza tal-lum, ma tistax tistrieh **<u>ghal kollox</u>** fuq l-argumenti li gabet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tiskagjona lill-konvenut minn kull htija kriminali ghall-feriment tal-attrici.

Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti kif diga' rilevat sabet disparita' fil-kwalita' tal-provi fiz-zewg procedimenti.

Fl-istess waqt pero' din il-Qorti trid tghid ukoll li tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet opposti u kontradittorji dwar il-pern tal-kwistjoni u cioe' il-feriment tal-attrici.

Fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **<u>"Farrugia vs Farrugia"</u>** deciza fl-24 ta' Novembru 1966 inghad hekk <u>in linea ta' principju</u> –
*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specifikament dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq bilanc ta' probabiliatjiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dik l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. **<u>("Borg et vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980</u>**).

Dan premess, bhala punt ta' dritt jigi osservat li huwa assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli

dan jiffavorixxi lill-konvenut in bazi tal-principju *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (**“Camilleri vs Cauchi et” – Appell Inferjuri – 22 ta’ Novembru 2002**) Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Mill-banda l-ohra il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili trid tkun indotta minn preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**“Carbonara vs Ryan” – op cit. ; “Caruana vs Laurenti” – PA – 8 ta’ April 1994 : “Borg vs Manager ta’ L-Intrapriza tal-Halib” – PA/HH – 17 ta’ Lulju 1981 ; “Vassallo vs Pace” - Vol. LXX.II.144 u “Zammit vs Petrococchino” – Appell/K – 25 ta’ Frar 1952**) Mera possibilita’ mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita’ civili. Min-naha tieghu, il-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-atturi ssodisfawx l-oneru tal-prova tal-legittimita’ u fondatezza tal-pretensjoni taghhom jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati. **(“Theuma vs Mercieca” – Qorti tal-Appell – 20 ta’ Frar 1996 ; “Fenech Clarke et vs Borg et” – Qorti tal-Appell – 30 ta’ Mejju 1997**).

**Ikkunsidrat –**

Fil-kaz in esami, il-posizzjoni tal-konvenut sa minn dakinhar tal-incident, tul il-procediment kriminali kollu, u waqt il-kawza civili kienet cara u cioe’ li huwa ma kkaguna l-ebda korriment lill-attrici, korraborata minn stqarrijiet konsistenti tul iz-zmien L-argument tieghu kien *non aver commesso il fatto.* Dan ma kienx kaz fejn korra lill-attrici pero’ ggustifika l-agir tieghu b’legittima difesa jew provokazzjoni, assolutament xejn minn dan.

Li allura jfisser li l-piz tal-atturi li jippruvaw li l-feriment tal-attrici sar propju mill-konvenut u minn hadd aktar isir aktar laborjuz.

Fil-process kriminali, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma lliberatx lill-konvenut mill-akkuza tal-feriment tal-attrici abbazi ta' insufficjenza ta' prova bl-applikazzjoni tal-principju *in dubio pro reo* izda afferma li *huwa probabbli li l-ferita verament giet kagunata bil-qasrija u ghalhekk din il-Qorti ma hiex konvinta li kienet id-daqqa tal-imputat li kkagunat l-ferita f'wicc Carmela Degabriele.*

Imqeghda fil-keffa tal-mizien li fih trid tintizen il-kredibilita' tal-verzjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti tghid li dik tal-konvenut taghti aktar affidament anke ghar-ragunijiet diga' esposti minn din il-Qorti.

Ghalkemm min-naha tal-atturi, tnejn mix-xhieda u cioe' l-attrici u bintha kienu kategorici li kien il-konvenut li kkaguna l-feriment tal-attrici, l-attur ma seta' jghid xejn u dan ghalkemm martu suppost kienet qrib tieghu. Imma, possibbli, tistaqsi din il-Qorti, li l-attur tant kien f'sahna, pront biex jitfa' t-tieni qasrija, li ma setax ighid kif sfat milquta martu, meqjus il-fatt li lanqas biss intebah bl-allegat feriment qabel qaltlu martu ?

Din il-Qorti hija moralment konvinta li, rinfaccjata bil-konflitt tal-verzjonijiet, pero' bid-dovut rigward ghall-provi oggettivi ta' natura medika, dik tal-familja Degabriele ma kienet xejn ghajr tentattiv sabiex ccaqlaq il-htija tal-feriment tal-attrici mill-att involontarju ta' Vincent Degabriele ghal fuq il-konvenut Leonard Degabriele. F'dak il-kaz, l-inkonsistenza fix-xhieda tal-atturi kienet determinanti ghax irrendietha inverosimili paragunata mal-verzjoni solida tal-konvenut.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ssoddisfawx b'mod konkludenti l-prova tat-talbiet taghhom u ghalhekk se tapplika l-principju tad-dritt *actor non probante reus absolvitur* (**“Rausi noe vs Muscat” – PA – 22 ta' Novembru 1995 konfermata fl-Appell ; “Mifsud noe vs Micallef” – Appell Inferjuri – 1 ta' Lulju 1997 ; “Cassar Saetta vs Imco Distributors Ltd” – Appell Inferjuri – 13 ta' Jannar 1999 ; “Lenicher vs Camilleri” – PA – 31 ta' Mejju 1972 )**

Din il-Qorti hija konvinta li l-verzjoni tal-konvenut hija aktar kredibbli, konsistenti u verosimili fuq bilanc ta' probabilitajiet u ta' preponderanza tal-provi. (**Vol L II 440 ; u "Xuereb vs Gauci" – Appell Inferjuri – 24 ta' Marzu 2004**)

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi l-kawza, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------